MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 13/2008

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta,**
**C D f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri EB,**
**id-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex**
**kjamat fil-kawza b' digriet tal-10 ta' April 2008,**
**u F D kjamat fil-kawza b' digriet tal-25 ta' Frar 2009**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk ;

1. Illi l-esponenti izzewweg lil C D fl-erbgha (4) ta' Lulju 2003.

2. Illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

3. Illi minhabba illi z-zwieg ta’ bejniethom tkisser b’ mod irrimedjabbli, l-esponent u martu irrikorrew ghal separazzjoni personali.

4. Illi permezz ta’ digriet moghti fl-erbgha ta’ Dicembru 2006 l-Onorabbli Qorti tal-Familja tat il-kunsens taghha ghas-separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet u konsegwentement fl-ghaxra (10) ta’ Jannar 2007 l-esponenti u l-intimata C D hadu s-separazzjoni personali fl-atti tan-Nutara Dr. Maria Spiteri kif jidher fl-anness dokument immarkat Dok. MS 1.

5. Illi wara li l-partijiet ossia l-esponenti u C D kienu isseparati legalment, l-intimata C D kellha relazzjoni ohra minn liema relazzjoni hija kellha tifel li twieled fid-disgha (9) ta’ Ottubru 2007 fl-Isptar Generali ta’ Ghawdex.

6. Illi skond ic-certifikat tat-twelid bl-iskrizzjoni 253/07, fid-dsatax (19) ta’ Novembru 2007 gie rregistrat it-twelid tal-minuri EB.

7. Illi dan il-wild gie rregistrat kif juri l-anness certifikat tat-twelid immarkat Dok. GV 1 bhala l-wild ta’ l-esponenti A B iben Roger B.

8. Illi kif se jirrizulta matul il-kawza, l-esponenti mhux il-missier naturali ta’ EB stante illi huwa l-wild ta’ relazzjoni li l-intimata C D kellha wara li hija kienet legalment isseparat minn ma’ l-esponenti.

9. Illi t-tqala u l-wild tal-minuri kienu ad insaputa ta’ l-esponenti u gie nfurmat bil-wild ta’ l-istess minuri mill-omm stess u cioe’ C D u wara li l-minuri kien twieled fl-Isptar Generali ta’ Ghawdex.

10. Illi dan il-wild mhux ta’ l-esponenti ghax kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, hu qatt ma kkoabita ma’ martu bejn it-tlitt mitt u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tarbija ghax kien separat legalment minn martu

l-konvenuta u martu hbiet minnu l-gravidanza taghha u minn ezamijiet xjentifici u genetici li jistghu jigu ordnati minn din il-Qorti, tista' tigi eskluza l-paternita' ta' l-attur tat-tarbija EB. Illi, ciononostante, t-tarbija fl-Att tat-Twelid Dokument GV 1 tidher registrata fuq ismu bhala l-missier, u hu jrid jichad il-paternita' ta' l-istess tarbija;

11. Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors qieghed jigi ipprezentat rikors iehor sabiex jinhatru kuraturi ad litem ghan-nom u fl-interess tal-minuri EB.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tordna:

1. Illi t-tifel bl-isem ta' EB li twieled mill-konvenuta C D fid-disgha (9) ta' Ottubru 2007, mhux iben l-esponenti kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid numru 253/07 (Dokument GV1) u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi biex jikkonducu t-testijiet genetici u xjentifici kif kontemplat fl-Artikolu 70(1)(d) u (3) tal-Kodici Civili; u konsegwentement;

2. Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jigi ordnat minn din il-Qorti biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi EB li jgib in-numru li jmiss ta' iskrizzjoni 253/2007 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem l-esponenti u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "Professjoni, sengha jew stat iehor", "eta'", "fejn twieled", "fejn joqghodu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u minflok jidhol il-kliem "unknown father" jew "father unknown"/ jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors tal-kuraturi kontra l-konvenuta C D. Il-konvenuti kollha ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament l-esponent mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-talbiet dedotti fir-rikors guramentat stante li l-Att tat-Twelid huwa registrat f' Ghawdex u l-azzjoni kellha ssir fil-konfront tad-Direttur tar-Registru Pubbliku (Ghawdex) u f'Qrati Ghawdxin u mhux fil-konfront tad-Direttur tar-Registru Pubbliku (Malta) u f' Qrati Maltin peress li d-Direttur tar-Registru Pubbliku (Ghawdex) u d- Direttur tar-Registru Pubbliku (Malta) huma indipendenti minn xulxin ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li biha qablet mat-talba attrici, u ziedet tghid li l-missier naturali tal-minuri huwa F D ;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex kjamat fil-kawza, li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament l-azzjoni kellha ssir fi Qrati Ghawdxin u mhux fi Qrati Maltin peress li c-certifikat tat-twelid gie registrat Ghawdex, u peress illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku (Ghawdex) u d-Direttur tar-Registru Pubbliku (Malta) huma indipendenti minn xulxin.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, r-registrazzjoni ta' EB bhala wild A B saret skond il-ligi, peress illi hemm presunzjoni legali illi r-

ragel tal-omm huwa missier it-tarbija, stante illi ma kienux ghaddew tlett mitt gurnata mid-data tal-kuntratt tas-separazzjoni sat-twelid tat-tarbija, u ghaldaqstant, ai termini ta’ artikolu 70(1)(b) l-attur ma jistax jichad it-tarbija fuq il-bazi illi kien legalment separat mill-omm ;

3. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat fil-kawza F D li biha ddikjara li jaqbel mat-talba li l-attur mhuwiex il-missier naturali tal-minuri, u sostna li huwa l-istess F D il-missier naturali, u konsegwentement id-dettalji tieghu ghandhom jitnizzlu fl-att tat-twelid tat-tifel EB ; u wkoll taha d-dettalji tieghu ;[1]

Rat in-nota[2] prezentata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Malta li biha rrinunzja ghall-eccezzjoni tieghu rigwardanti l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti ;

Rat in-nota[3] prezentata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex li biha rrinunzja ghall-eccezzjoni tieghu rigwardanti l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti ;

[1] Fols.124 u 125
[2] Fil-15 ta’ Mejju 2009
[3] Fil-15 ta’ Mejju 2009

Rat ir-rapporti[4] xjentifici tad-DNA prezentati u mahlufa mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel EB, li twieled mill-konvenuta C D fil-9 ta' Ottubru 2007 u li gie registrat fuq l-att tat-twelid tieghu numru 253/07 bil-kunjom B, mhuwiex il-wild naturali tieghu ; u konsegwentement qed jitlob id-debiti korrezzjonijiet fl-istess att tat-twelid.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur u l-konvenuta C D, allura konjugi, isseparaw de facto f' Gunju 2006, u de jure fl-10 ta' Jannar 2007. Illi hafna zmien qabel is-separazzjoni de facto, il-partijiet ma kellhomx relazzjonijiet intimi aktar bejniethom. Sussegwentement l-istess konvenuta dahlet f' relazzjoni stabbli mal-kjamat fil-kawza F D, u minn din ir-relazzjoni twieled f' Ghawdex it-tifel Efid-9 ta' Ottubru 2007.

Illi kemm il-konvenuta C D u l-kjamat fil-kawza F D jsostnu li t-tifel Ehuwa l-wild naturali ta' dan ta' l-ahhar ; u din it-tezi tinsab korroborata mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA li saru fuq kampjuni mehuda minn fuq il-persuni ta' l-attur, tal-konvenuta C D u tal-kjamat fil-kawza F D, u ta' l-istess tifel James, liema testijiet ikkonfermaw li t-tifel James, mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur izda ta' F D.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel talba hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha ; filwaqt li l-kumplament tat-talbiet qed jigu milqugha parzjalment.

---

[4] Fols.64 *et seq.* u Fols.75 *et seq.*

Inoltre, l-eccezzjoni preliminari tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Malta fis-sens li hu mhuwiex il-legittimu kontradittur f’ din il-kawza hija gustifikata, stante li t-tifel twieled f’ Ghawdex u t-twelid tieghu gie registrat fl-istess gzira, u ghalhekk huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex il-legittimu kontradittur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur limitatament kif ser jinghad : tiddikjara li t-tifel EB li twieled mill-konvenuta C D fid-9 ta’ Ottubru 2007, mhuwiex il-wild ta’ l-attur, izda huwa l-wild naturali u bijologiku tal-kjamat fil-kawza F D ; konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex sabiex jaghmel id-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid fuq indikat fis-sens li l-isem ta’ A B u l-konnotati tieghu jigu sostitwiti bl-isem ta’ F D u l-konnotati tieghu fit-termini tar-risposta guramentata tieghu a fol.125 tal-process li kopja taghha qed tigi annessa mas-sentenza odjerna (Appendici A); u tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Malta.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta C D u mill-kjamat fil-kawza F D konguntivament fi kwoti wgwali bejniethom ; hlief l-ispejjez relatati mal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Malta li ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------